**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 62**

**Data:** 22 ta' Marzu, 2017

**Hin:** 9.00am

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici-Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-60 u 61 laqgha.
2. Attivitajiet ghall-Ghid.
3. Program Attivita' Frenc ta' l-Gharb.
4. Festa 2017.

5. Progetti u Xogholijiet.
6. Skeda ta' Pagamenti.
7. Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali.
8. Korrispondenza u materji ohra.
9. Aggornament.

---

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tas-60 u 61 laqgha

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Attivitajiet ghall-Ghid

2.1 Is-Sindku pprezenta programm ta' attivitajiet indirizzati ghat-tfal tal-lokalita' ghal zmien l-Ghid, f'Hadd il-Palm filghodu li fost l-ohrajn tinzamm *egg hunt* fil-pjazza u *bouncing castle* fil-prezenza ta' xi karattri komici tat-tfal. Waqt l-istess attivita' ser ikun hemm il-bake sale organizzata mill-parrocca u fl-ahhar jinghata *Easter Bunny* ta' l-Ghid lit-tfal. L-attivita' ser tigi tiswa madwar €175.00 u li jibqa' huwa li jinxtraw l-*Easter Bunnies*. Ghal din l-attivita' jkun hemm bzonn li tinghalaq il-Pjazza. Il-Kunsill qabel li ghandha titella' din l-attivita' kif issugerit u diskuss.

## 3.0 Programm Attivita' Frenc ta' l-Gharb

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kellu laqgha ma' Mons. Beneditt Camilleri fejn gie diskuss il-programm li jista' jitella' din is-sena. Mons. Camilleri ssugerixxa li ssir xi haga simili bhal ma' kien gara fl-inawgurazzjoni tal-Monument. Mons Camilleri kien avvicinat mill-Kumitat tal-Papa Gwanni Pawlu II sabiex izomm quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu. Jekk ikun hemm qbil u jkun opportun ghandha tinzamm quddiesa qabel il-programm fuq barra. Ghandu jkun avvicinat l-Arcipriet.

Is-Sindku ssugerixxa ukoll li ghandha ssir stedina lill-E.T. President ta' Malta jew f'kaz li ma tkunx disponibbli jigi mistieden il-Ministru ghal Ghawdex. Huwa zied jghid li ghandu jsir avviz pubbliku dwar din l-attivita' b'mod partikolari sabiex min qala xi grazzja u jixtieq jitkellem dwarha waqt l-attivita' stess, fuq il-*facebook* kif ukoll jitqassam leaflet fid-djar f'Ghawdex.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Emanuel Muscat issugerixxa li ssir ukoll pagna fuq *facebook* b'din l-attivita' fejn min hu interessat jaqsam l-esperjenza tieghu jigi mitlub javvicina lill-Kunsill.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diga tkellem mall-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-possibilita' li jghinu fit-tindif tal-Monument ta' Frenc ta' l-Gharb. F'kaz li dawn ma jaccettawx is-Sindku ssugerixxa sabiex issir min-naha ta' Rocco Cacciabaudo meta jigi sabiex jaghti l-patina lill-Monument ta' l-Isqof Nikol G. Cauchi.

Il-Vici Sindku ssugerriet li ghandha tigi avvicinata s-Sinjura Maria Cassar sabiex tikteb poezija ta' l-okkazjoni.

Il-Kunsill qabel mas-suggerimenti li gew diskussa.

## 4.0 Festa 2017

4.1 Is-Sindku spjega li z-zmien tal-festa qed joqrob u ghaldaqstant din trid tigi diskussa sabiex naraw ghal din is-sena x'hemm x'isir. Qabel xejn is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li taw l-ghajnuna taghhom waqt l-Infiorata li giet organizzata fir-Rabat, Ghawdex li kien success u li waslu diversi kummenti sbieh minn madwar Malta u Ghawdex. Huwa spjega li ghas-sena d-diehla hemm possibilita' li ssir ohra fuq skala izghar.

4.2 Dwar l-Infiorata ghall-festa ta' l-Gharb is-Sindku ssugerixxa li ghandna ninkludu bhala wahda mit-temi l-anniversarju tal-Bazilika. Emanuel Muscat issugerixxa li ninkludu temi minn tal-Presidenza. Is-Sindku ssugerixxa sabiex tema ohra tkun l-emblema jew wicc l-arcipriet il-gdid kif sar anke precedentament. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u ghandu jigi infurmat l-Arcipriet sabiex jibda' jinhadem id-disinn.

4.3 Gew diskussi ukoll il-permessi tal-kiosks fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jibqghu l-istess bhas-sena precedenti fejn fil-Pjazza jibqghu dawk tas-soltu. Bhala bars li jkun hemm huma tac-Centru u tal-Kumitat tal-festa jekk dawn jitolbuhom.

4.4 Bhala tindif il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu l-kwotazzjonijiet bhas-snin precedenti u wara jigu diskussi waqt il-laqgha ghall-approvazzjoni.

4.5 Is-Sindku tenna li l-Kunsill ghandu jaghti s-sapport kollu mitlub sabiex bhal ma gara fil-passat l-Gharb jerga ikollna festa success.

## 5.0 Progetti u Xogholijiet

5.1 Il-Kunsill gie infurmat li ghaddejin diskussjonijiet ma' Gatt Tarmac Ltd. Dwar ix-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu'. Pero' ghad irid jigi diskuss it-*traffic managment* ghal meta jkun qed isir ix-xoghol. Is-Sindku spjega li qabel jibdew dawn ix-xogholijiet trid issir il-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba.

5.2 Il-Vici Sindku qalet li anke Triq il-Knisja t-triq hemm bzonn li tigi msewwija. Is-Sindku spjega li fil-fatt ghaddejjin diskussjonijiet dwar din mall-Perit u ghad irridu naraw x'ha jirrizulta' meta tinfetah it-triq peress li l-kuntrattur qed jghid li mhux tort tieghu. Gie spjegat li l-kuntrattur ghandu *deadline* sa l-ahhar tax-xahar sabiex jaghmel ix-xoghol mehtieg. Kemm 'il darba x-xoghol ma jsirx il-Kunsill ghandu jimpjega fuq *direct order* lil A&E Mintoff sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet b'urgenza. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3 Anthony Camilleri staqsa sa fejn kienu ser jispiccaw ix-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu' fejn gie spjegat li dawn ser jaslu sa l-ahhar postijiet. Is-Sindku qal li l-Water Services Corporation ser tkun qeghda taghmel xoghol fuq il-mejnijiet tal-ilma godda fuq iz-zewg gnub tat-triq sabiex jekk jinqala l-bzonn nofs it-triq ma jintmesx.

Emanuel Muscat staqsa dwar id-drenagg. Kien spjegat li fuq dan wiehed ghad irid jara sewwa minhabba l-htiega.

Is-Sindku spjega li l-*culvert* jidher li ghandu hsara minn quddiem ir-residenza 'Vizitazzjoni', l-isfel ghax il-parti ta' fuq tidher li qeghda f'kundizzjoni tajba. Dan irid ikun determinat permess ta' *spot checks, trial holes.* Is-Sindku qal li fil-prezent m'hemmx bizzejjed finanzi sabiex isir il-*culvert* u jekk dan ikun necessarju li jsir il-Kunsill irid jitlob ghajnuna lill-Ministeru ghal Ghawdex jew xi hadd simili. Jiddependi ukoll f'xoghol ikun mehtieg li jsir fuq il-*culvert*. Il-vantagg li jkun hemm jekk isir gdid huwa li jintzaw pijpijiet u ghaldaqstant f'kaz ta' bzonn ikun aktar facli li jitnaddaf.

Anthony Camilleri staqsa jekk il-kuntratt ikunx jinkludi zmien stipulat sa meta jrid isir ix-xoghol. Is-Sindku kkonferma li kull kuntratt ikollu zmien stipulat fih.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet meta huwa previst li jibda' x-xoghol fi Triq il-Madonna tal-Virtu'. Is-Sindku spjega li Gatt Tarmak Ltd kien gie mitlub japplika ghall-permessi mehtiega sabiex jinbeda x-xoghol fi Triq il-Madonna tal-Virtu'. Data definita ser tinghata aktar 'il quddiem.

5.4 Gie spjegat li xoghol iehor li ser isir huwa fuq il-funtana tal-Pjazza Zjara tal-Madonna fejn diga inxtrat il-pompa l-gdida.

5.5 Is-Sindku spjega li l-WiFi tal-Pjazza li l-appart li jinstab fuq il-Knisja kien garrab hsara bil-maltemp u l-kaxxa tad-dawl kienet ukoll garbet xi hsarat. L-Arcipriet kien issa nforma lill-Kunsill li min-naha tal-parrocca kienu rrangaw kollox u suppost li kollox qed jahdem. B'zieda ma' dan is-Sindku qal li qed isir xoghol ukoll sabiex titranga l-*camera* ta' Wied il-Mielah fejn il-bieba tal-kamra z-zghir kien tranga wara li kissruh u serqu l-apparat.

5.6 Fir-rigward ta' Wied il-Mielah is-Sindku ssugerixxa li issa li qed jinzlu numru ta' nies sewwa jekk isiru *bollards* li jaghlqu l-*picnic area* u jinghata access biss ghall-bughaddsa. F'dan ir-rigward Emanuel Muscat issugerixxa li kull bollard ikollha katnazz taghha sabiex ma ssirx katina b'riskju li tinsteraq. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn il-bollards.
Shirley-Anne Cecchini qalet li t-tarag li hemm huwa perikoluz ghar-raguni li dan ma kien qatt mahsub li jilqa' kwantita' kbira ta' nies. Is-Sindku spjega li bhala tarag qed iserrah fuq il-blat u ghaldaqstant mhux perikoluz minn dak il-lat. Min-naha l-ohra hemm bzonn li jinbidel ir-*railing*. Huwa kompla jispjega li min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex kienu gew jiccekkjaw biex jaghmlu xoghol fuq ir-*railing* pero' s'issa ma kienu qalu xejn. Is-Sindku qal li jekk ma jsir xejn min-naha taghhom, il-Kunsill irid johrog kwotazzjoni u r-*railing* isir mill-Kunsill.

Emanuel Muscat issugerixxa li jsiru tabelli ghal min ikun niezel fuq it-tarag sabiex ma jinzlux jekk ikun certu rih minhabba periklu li kif jidher f'dawn l-inhawi Rih mill-Majjistral ikun perikoluz.

Is-Sindku qal li bhala Kunsill kien ikkuntatja lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex jigi diskuss dan il-Wied fejn huma kkonferma li kienu ser jaghmlu *site inspection*. Is-Sindku qal li l-*handrail* li sar kien sar sabiex jipprotegi lill-bughaddsa peress li jkunu nezlin bl-apparat taghhom.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti.

6.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

6.2 Flimkien ma' l-iskeda tal-Pagamenti gew approvati ukoll kontijiet ohra li kienu tal-Hop On Hop Off ghall-ammont ta' €300, Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghall-ammont ta' €700 kif ukoll il-kont ta' l-Eldorado Restaurant ghall-ikel li kien jammonta ghal €4,965.55 Dawn it-tlieta kienu marbuta mall-attivita' ta' l-Infiorata.

## 7.0 Cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

7.1 Cirkulari Numru 8/2017 – Attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsilli Lokali. Gie spjegata c-Cirkulari lill-Kunsill.

Emanuel Muscat staqsa jekk dawk li jkunu qed izejnu ghall-festa ghandhomx bzonn ta' xi tip ta' peress ghar-raguni li jekk xi hadd jahbat gewwa fihom x'jigri.

Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu il-parrocca taghmel assigurazzjoni ghal zmien il-festa. Min-naha tal-Kunsill kull ma jintalab huwa *no objection* bhal ma jintalab ukoll min-naha tal-Pulizija. Is-Sindku qal li kemm l-Arcipriet ta' qabel kif ukoll dan prezenti kien inghata lilhom kopja tal-ligi tal-permessi.

Ic-Cirkulari kienet tinkludi ukoll il-boundary wall fejn m'ghandux isir permess. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntatjat id-Dipartiment fejn tintalab kjarifikazzjoni f'kaz li tinqabez tul ta' iktar minn metru l-barra. Jekk f'dan il-kaz jikkwalifikax jew le. Is-Sindku qal li diga kien hemm kaz fi Triq Karmni Grima fejn l-*boundary wall* ma kienx kif suppost u wara li sar incident tranga.

## 8.0 Korrispondenza u Materji ohra.

8.1 Il-Vici Sindku qalet li t-tfal li kienu gew izuru l-lokalita' bhala parti mill-progett li kellhom, f'Mejju ha jaghlaq il-progett u l-Kunsill irrid jipprezenta xi haga lilhom. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tigi avvicinata l-Gozo Pottery Barn sabiex jintalab lilhom isir torri ta' l-Gharb.

8.2 Minghand l-Ufficju ta' l-Ispeaker bir-revista mill-Parlament.

8.3 Minghand il-Malta Parkinson's Disease Association fejn qed tintalab l-ghajnuna tal-Kunsill ghad-distribuzzjoni ta' materjal informattiv mar-residenti. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiseb aktar informazzjoni u f'kaz li jaccettaw li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill il-Kunsill ikun jista' jghin.

8.4 Minghand il-Malta Postal Museum b'informazzjoni dwar il-muzew tal-posta. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntatja lil dan il-muzew u jitlob prezz tal-biljett tad-dhul sabiex meta ssir xi dawra Malta jkun jista' jigi mizjur dan il-post.

8.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:
Applikazzjonijiet godda ghall-permess ta' zvilupp – RG/00553/17, PA/01400/17, PA/01480/17, PA/01299/17, PA/01326/17, PA/01151/17, PA/01468/17 u PA/00902/17.

Dwar il-permess PA/01693/17 il-Kunsill ghandu jiehu il-parir tal-perit tal-Kunsill sabiex jara dan il-permess fiex jikkonsisti. Jekk hemm il-htiega ghandha ssir oggezjoni.

Approvazzjoni ta' permessi – RG/00801/16, PA/05658/16 u RG/00411/16.
Rikonsiderazzjoni minn skedar ta' binja numru 86, Triq Dun Alwig Mizzi k/m Triq il-Madonna tal-Virtut, Gharb fuq talba tas-sidien.
Acknowledgement – PA/01151/17.
Talba ghall-Informazzjoni – PA/06080/08.
Tracking Numru 171208 – Site at Triq Tumas Cassar – *To construct inclusive indoor pool and adjacent open recreation area and to sanction difference in leisure park layout and design.*

Gie spjegat li fir-rigward ta' din l-applikazzjoni kienu gew ikkuntatjati dawk li kienu urew interess f'dan il-progett pero' fil-prezent huma okkupati minhabba l-istagun taghhom u ser jergghu jikkuntatjaw lill-Kunsill f'nofs Mejju ghal aktar diskussjonijiet.

8.6 Is-Sindku spjega li huwa kien iddiskuta ma' l-Arcipriet fir-rigward tas-Summer Club li bhal kull sena isir b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Fl-ahhar sena l-ghajnuna telghet ghal €500 u xi snin precedenti kienet thallset ukoll l-ghalliema pero' kien hemm problema peress li dawn kienu ghamlu aktar lezzjonijiet milli miftiehem. Il-Vici Sindku qalet li s-sena l-ohra l-ghalliema kienet is-Sinjura Monica Zerafa. Din is-sena l-Arcipriet kien spjega li ma kienx ghadu sab l-*workings* tas-sena ta' qabel u ma kienx jaf ezatt x'kien isir. Is-Sindku qal li huwa kien spjega li ser iressaq it-talba quddiem il-Kunsill sabiex tinghata l-ghajnuna tas-soltu. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandha tinghata l-ghajuna wara li jsir maghruf kif kienet l-ghajnuna li kienet moghtija fis-snin li ghaddew. L-Arcipriet ghandu jkun moghti ukoll din l-informazzjoni.

8.7 Is-Sindku qal li ta' kull sena il-Kunsill ihallas is-somma ta' €500 bhala shubija fil-Gozo Action Group wara li din tkun approvata mil-laqgha tal-Kunsill. Ghal din is-sena d-Dipartiment tal-Gvern Lokali hareg direttiva fejn qed jitlob sabiex din l-ishubija terga tkun approvata waqt il-laqgha tal-Kunsill. Gie spjegat li din l-ishubija isarraf f'ghajnuna ghal fondi mill-Unjoni sabiex isiru progetti bhal ma diga sar fil-passat dak tal-Leisure Park u z-zona tal-madwar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn innota li din l-ishubija tista' ssarraf f'gid ghal aktar beneficcji fil-lokalita' u ghaldaqstant approva unanimament l-ishubija fil-Gozo Action Group.

8.8 Gie spjegat li fil-prezent il-Kunsill qieghed jahdem flimkien mall-Kunsilli ta' San Lawrenz u Ghasri sabiex tinhareg tender gdida ghall-gbir ta' skart li ser taghlaq din is-sena.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Tenders ohra li qed ikunu preparati huma ta' l-polza ta' assikurazzjoni tal-Kunsill, espressjoni ta' interess ghac-*childcare centre*, stampar ta' ktieb, urban greening u open skip.

8.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-parti l-ohra tal-gemellagg fejn imiss iz-zjara gewwa l-Polonja u Reppublika Ceka jridu jinbidlu minhabba li il-partners ma humiex disponibli. F'dawk id-dati ser tahbat il-festa ta' Pinu fejn din is-sena ser ikun hemm celebrazzjoni specjali bl-inawgurazzjoni taz-zuntier u l-muzajci. Kien maqbul li din iz-zjara ghandha tinzamm wara l-festa u possibilment wara s-sajf. Il-Kunsill qabel li ghandu jara l-ahjar kif isir u jerga jiddiskuti.

Fuq l-istess gemellagg il-Kunsill irid ukoll jibda' jahdem fuq l-attivita' ta' Novembru fejn il-gruppi kollha ser jigu Malta u fl-istess granet ser issir l-attivita' ta' l-iskambju taz-zghazagh. Iridu jsiru laqghat u hidma dwar kif ser tigi organizzata.

## 9.0 Aggornament

9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 26 ta' April, 2017 fl-10.00AM.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 10.24am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |